**A.L. 243 ta' l-2003**

**ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)**

**Regolamenti ta' l-2003 dwar Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk**

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Tikketti fuq Prodotti tat-Tabakk.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-5 ta' April, 2004.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti -

"avviż" tfisser messaġġ kif stabbilit fi Skedi 1 u 2 li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti;

"ingredjent"tfisser sustanza jew kostitwenti ħlief għall-werqa tat-tabakk jew xi partijiet oħra tal-pjanta tat-tabakk naturali jew mhux pro`essati li jintużaw fil-manifattura jew il-preparazzjoni ta' prodott tat-tabakk u li jkun għadu preżenti fil-prodott finali, anke jekk f'għamla mibdula, inklużi l-karta, l-filter, kull inka u adeżiv;

"ISO 4387" tfisser l-aħħar edizzjoni ta' Standard Internazzjonali li jismu Kalkolu fis-Sigarretti ta' materjal partikolat totali u mnixxef li jsir bl-użu ta' makna tat-tipjip tas-sigarretti analitika b'rutina - Metodu ta' qbid ta' duħħan b'filtru tal-fibra fil-ħġieġ ISO 4387: 1987 (E) l-ewwel edizzjoni pubblikata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni fil-15 ta' April 1987;

"nikotina" tfisser alkalojdi tan-nikotina;

"pakkett", għar-rigward ta' prodott tat-tabakk, tfisser kull kaxxa, pakk, kontenitur jew re`ipjent ieħor li jkun fih dan il-prodott,

u li fih il-prodott ikun, jew ikun maħsub li jkun, ippreżentat għal provvista bl-imnut, bl-esklużjoni ta' kull tisrir addizzjonali fuq barra (sew trasparenti sew mhux) li jista' jintrema meta jinfetaħ il-pakkett, u meta dak ir-re`ipjent ikun jew ikollu jinżamm f're`ipjent ieħor bħal dak (eskluż dak it-tisrir fuq barra), tinkludi kull re`ipjent bħal dak;

"qatran" tfisser il-kondensat ta' duħħan nej anidriku u ħieles minn kull nikotina;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"il-wiċċ li l-aktar jidher", għar-rigward ta' pakkett tas-sigarretti rettangolari, tfisser dak il-wiċċ tal-pakkett li jkun, jew ikollu medda daqs, l-iktar wiċċ mifrux u jew -

(a) ikun faċċata ta' min ikun qed jiftaħ il-pakkett, jew

(b) meta ma jkunx hemm wi" fa"ata ta' min ikun qed jiftaħ il-pakkett, ikun fih bl-iktar mod prominenti l-isem, it-*trade mark* jew marka distintiva oħra ta' dawk ix-xorta ta' sigarretti,

u għar-rigward ta' pakketti tas-sigarretti oħra tfisser il-wi" li jidher l-aktar.

Hruġ ta' qatran, karbonju monossidu u nikotina.

**3.** (1) Il-ħruġ ta' qatran, nikotina u karbonju monossidu għandu jiġi muri fuq il-pakketti tas-sigarretti.

(2) L-eżattezza ta' l-indikazzjonijiet fuq il-pakketti għandha tigi verifikata skond ISO *standard* 8243.

(3) Id-dikjarazzjoni dwar -

(a) il-ħruġ tal-qatran għandha tintwera bħala figura li tittella' jew titniżżel għall-eqreb ċifra sħiħa u għandha tiġi espressa f'milligrammi fl-għamla "x mg tar/qatran";

(b) il-ħruġ tan-nikotina għandha tintwera bħala figura li tittella' jew titniżżel għal ċifra b'punt deċimali wieħed u tiġi espressa f'milligrammi fl-għamla "y.z mg nicotineċnikotina";

(ċ) il-karbonju monossidu għandha tintwera bħala figura li tittella' jew titniżżel għall-eqreb ċifra sħiħa u tiġi espressa f'milligrammi fl-għamla "x mg karbonju monossidu".

(4) Dawn l-indikazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu stampati wkoll fuq naħa waħda tal-pakketti tas-sigarretti, bl-Ingliż u bil-Malti:

(a) mill-inqas 12% tal-wiċċ korrispondenti ikun kopert, dik il-medda għandha tiġi definita permezz ta' poligonu b'angoli retti li tiġi mpinġija viċin ħafna tal-periferija ta' l-ittri stampati;

(b) bi stampa leġibbli sew (b'tipi grassi b'għajn it-tipa magħrufa bhala Helvetica f'lewn li jkun jikkuntrasta mal-lewn ta' l-isfond); u

(ċ) fuq sfond ta' lewn kontrastanti, fuq ġewwa ta' bordura rettangolari jew kwadra (bl-istess lewn bhall-kitba) li jkollha linji mhux aktar wiesgħa minn tipa majjuskola "I" fid-daqs tat-tipa li tintuża għall-kitba tal-messaġġ;

(d) in-numru tal-*batch*.

**4.** (a) Kull pakkett singolu ta' prodotti tat-tabakk għandu jkollu, fuq il-wiċċ li l-aktar jidher u fuq barra ta' kull ippakkettjar bl-eċċezzjoni ta' folji addizzjonali trasparenti li jiksu , dan l-avviż ġenerali li ġej sew bl-Ingliz sew bil-Malti:- Avviz generali.

Tobacco seriously harms you and others around you
**It-Tabakk jagħmel ħsara serja lilek u ta' madwarek**

(b) Dan l-avviż ġenerali għandu jinbidel b'rotazzjoni hekk li jkun jiggarantixxi li l-avviż indikat fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament ikun jidher regolarment.

**5.** Għar-rigward ta' pakketti tas-sigarretti, kull pakkett għandu juri, bl-Ingliż u bil-Malti, avvizi speċifiċi li jkunu jalternaw kif ġej – Avviż fuq pakketti tas-sigarretti.

(a) l-avviżi għandhom ikunu magħżulin mil-lista ta' avvizi li hemm fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) l-avviżi speċifiċi li jkunu ġew magħżulin għandhom jiġu stampati fuq il-pakketti singoli sabiex jiggarantixxu d-dehra ta' kull avviż fuq kwantità ndaqs ta' pakketti singoli, b'tolleranza ta' madwar 5%.

**6.** B'żieda ma' l-avviż ġenerali msemmi fir-regolament 4, pakketti singoli ta' prodotti tat-tabakk li ma jkunux sigarretti għandhom juru avviżi speċifiċi kif ġej:- Avviż fuq pakketti singoli ta' prodotti tat-tabakk li ma jkunux sigarretti.

(a) jekk il-wiċċ li jidher l-aktar ikun jeċċedi 75ċ$m^2$ allura l-avviż li jittieħed mil-lista fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jkun mifrux fuq arja ta' mill-inqas 24ċ$m^2$; u

(b) pakketti singoli ta' sigarri, *cigarillos*, tabakk tal-pipa jew prodotti tat-tipjip tat-tabakk oħra, bl-eċċezzjoni ta' sigarretti u tabakk tal-brim, għandu jkollhom avviż speċifiku minn fost dawk fi Skeda 2 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, hekk li jiġi żgurat li dawn fil-fatt jinbidlu b'rotazzjoni.

L-avvizi speċifiċi għandhom ikunu stampati fuq il-pakketti singoli, jew imwaħħlin magħhom b'mod li ma jinqalgħux, bl-ilsien Ingliż u dak Malti.

Min ikun qed johroġ l-avviż.

**7.** L-avviżi msemmija fir-regolamenti 4, 5 u 6 għandhom jintwerew flimkien ma' dawn l-indikazzjonijiet ta' awtorit·:

Danger - Health Department WARNING
TWISSIJA mid-Dipartiment tas-Saħħa - Periklu

Il-medda li ghandha tiġi koperta fuq il-pakketti tas-sigarretti.

**8.** Fuq il-pakketti tas-sigarretti, it-test ta' l-avviżi li dwarhom hemm provdut fir-regolamenti 4 u 5, eskluża l-indikazzjoni ta' l-awtorit·pprovduta fir-regolament 7, għandu jkopri mhux inqas minn 32% ta' l-arja esterna tal-wiċċ korrispondenti tal-pakkett tat-tabakk singolu li fuqu jkun stampat. Fil-każ ta' avviż addizzjonali taħt Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, dak it-test għandu jkopri mhux inqas minn 45% ta' l-arja esterna tal-wiċċ korrispondenti tal-pakkett tat-tabakk singolu li fuqu jkun stampat.

Kif ghandhom jiġu stampati l-avviżi.

**9.** L-avviżi meħtieġa u l-indikazzjonijiet ta' ħruġ ta' sustanzi għandhom ikunu -

(a) ċari u legibbli, stampati hekk li ma jistgħux jitneħħew jew jitħassru, u li ma għandhom b'ebda mod ikunu moħbija, mċajprin jew jidħlu fihom xi kliem jew stampi oħra jew jiġu meqruda meta jinfetaħ il-pakkett. Fil-każ ta' prodotti tat-tabakk li ma jkunux sigarretti, it-testi jistgħu jiġu mwaħħlin permezz ta' *stickers*, sakemm dawn ma jkunux jistgħu jinqalgħu;

(b) stampati b'tipi grassi suwed b'għajn it-tipa magħrufa bhala Helvetica fuq sfond abjad, b'ittri żgħar, ħlief għall-ewwel ittra tal-messaġġ u meta jkun hekk meħtieġ għax hekk titlob il-grammatika; u

(ċ) "entrati fl-arja fejn ikun meħtieġ li t-test jiġi stampat parallel mat-tarf ta' fuq tal-pakkett:

Iżda fil-każ ta' prodotti tat-tabakk, l-avviż ġenerali għandu jiġi mdawwar b'bordura sewda mhux inqas minn 3mm u mhux iżjed minn 4mm fil-wisa' li b'ebda mod ma tkun tidħol fuq it-test ta' l-avviż jew l-informazzjoni mogħtija.

**10.** Sabiex tiġi żguraa l-identifikazzjoni tal-prodott u dan ikun jista' jiġi ttraċċat għall-oriġini tiegħu, il-prodott tat-tabakk għandu jkollu numru tal-*batch* jew xi ħaġċoħra ekwivalenti hekk li jkunu jistgħu jiġu identifikati l-ħin u l-post tal-manifattura. Numri tal-*batch*.

**11.** Il-manifatturi u l-importaturi għandhom fi tmiem kull sena jippreżentaw lis-Suprintendent lista ta' l-ingredjenti kollha, f'ordni dixxendenti skond il-piż, użati fil-manifattura ta' dawk il-prodotti tat-tabakk skond ma jkun jisimhom u t-tip tagħhom. Dik il-lista:- Lista ta' ingredjenti.

(a) għandu jkollha magħha dikjarazzjoni li tagħti r-raġunijiet għaliex dawk l-ingredjenti jkunu ġew inklużi f'dawk l-prodotti tat-tabakk;

(b) għandha tindika l-funzjoni u l-kategorija tagħhom;

(ċ) għandu jkollha magħha kull tagħrif tossikoloġiku li l-manifattur jew l-importatur ikollu dwar dawk l-ingredjenti f'għamla maħruqa jew mhix, skond ma jkun adatt, b'riferenza partikolari għall-effetti tagħhom fuq is-saħħa u kull effett ta' vizzju possibbli.

**12.** Is-Suprintendent ikollu d-dmir jgħarraf lill-pubbliku dwar il-ħruġ ta' qatran, nikotina u karbonju monossidu mis-sigarretti. Is-Suprintendent għandu jgħarraf lill-pubbliku.

**13.** Huwa reat li titqiegħed fis-suq in-niskata, jew tabakk li jittieħed mill-fomm. In-niskata hija projbita.

**14.** Huwa reat li xi pakkett ta' prodott tat-tabakk jiġi ttikkettjat bħala "ħafif" jew "mhux qawwi". Ittikkettjar kwalifikattiv ta' prodotti tat-tabakk.

**15.** Ir-Regolamenti ta' l-1987 dwar Avviżi dwar is-Saħħa rigward it-Tipjip, huma b'dawn imħassrin. Ihassar A.L. 28 ta' l-1987.

## SKEDA 1

Lista ta' avviżi speċifiċi msemmijna f'regolamenti 5 u 6 (a):

1. Smoking causes cancer
   It-tipjip iġib il-kanċer

2. Smoking causes heart disease
   It-tipjip iġib il-mard tal-qalb

3. Smoking kills
   It-tipjip joqtol

4. Smoking when pregnant harms your baby
   It-tipjip waqt it-tqala jagħmel ħsara lit-tarbija

5. Protect children: don't make them breathe your smoke
   Ipproteġi lit-tfal: tpejjipx ħdejhom

6. Smoking damages the health of those around you
   It-tipjip imarrad lil dawk ta' madwarek

7. Smokers die younger
   Jekk tpejjep tmut żgħir

8. Smoking causes addiction
   It-tipjip jikkaġuna dipendenza qerrieda

**SKEDA 2**

Lista ta' avviżi speċifiċi msemmija fir-regolament 6 (b):

1. Smoking causes cancer
It-tipjip iġib il-kanċer

2. Smoking causes fatal lung cancer
It-tipjip iġib il-mard qerriedi

3. Smoking damages the health of those around you
It-tipjip imarrad lil dawk ta' madwarek

4. Smoking causes heart disease
It-tipjip iġib il-mard tal-qalb

5. Smoking clogs the arteries and causes heart attacks and strokes
It-tipjip isodd l-arterji u jikkaġuna attakki tal-qalb

6. Protect children: don't make them breathe your smoke
Ipproteġi t-tfal. Tħallihomx jibilgħu d-duħħan tas-sigaretti

7. Your doctor or your pharmacist can help you stop smoking
It-tabib jew l-ispiżjar jgħinuk biex tieqaf tpejjep

8. Smoking is highly addictive, don't start.
It-tipjip huwa vizzju, tibdiex tpejjep

9. Stopping smoking reduces the risk of fatal heart and lung diseases
Jekk tieqaf tpejjep tnaqqas ir-riskju ta' attakki tal-qalb u mard tal-pulmun

10. Smoking can cause a slow and painful death
It-tipjip jista' jwassal għal mewt bil-mod

11. Get help to stop smoking
Itlob l-għajnuna biex tieqaf tpejjep

12. Smoking may reduce the blood and causes impotence
It-tipjip inaqqas iċ-ċirkulazzjoni tad-demm u jista' jwassal ghal infertilit·

13. Smoking causes ageing of the skin
It-tipjip ixejjħek

14. Smoking can damage the sperm and decreases fertility
It-tipjip jagħmel ħsara lill-isperma u jikkaġuna infertilit·

15. Smoking contains benzene, nitrosamines, formaldehyde and hydrogen cyanide
Is-sigarretti fihom benzene, formaldehyde u hydrogen cyanide

**L.N. 243 of 2003**

**TOBACCO (SMOKING CONTROL) ACT**
**(CAP. 315)**

**Labelling of Tobacco Products Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred by article 9 of the Tobacco (Smoking Control) Act, the Minister of Health has made the following regulations:-

Title and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is the Labelling of Tobacco Products Regulations, 2003.

(2) These regulations shall come into force on the 5th April, 2004.

Interpretation.

**2.** In these regulations:

"ingredient" means any substance or any constituent except for tobacco leaf and other natural or unprocessed tobacco plant parts used in the manufacture or preparation of a tobacco product and still present in the finished product, even if in altered form, including paper, filter, inks and adhesives;

"ISO 4387" means the latest edition of the International Standard entitled Cigarettes Determination of total and dry particulate matter using a routine analytical cigarette-smoking machine-Glass fibre filter-smoking trap method ISO 4387: 1987 (E) first edition published by the International Organisation for Standardisation on 15th April 1987;

"most visible surface", in relation to a rectangular cigarette packet, means that surface of the packet which is, or is equal in area to, the largest surface and either-

(a) faces a person opening that packet, or

(b) where no such surface faces a person opening the packet, carries most prominently the name, trademark or other distinguishing mark of the brand of cigarettes;

and in relation to other cigarette packets means the most conspicuous surface;

"packet", in relation to a tobacco product, means any box, package, container or other receptacle which contains the product, and in which the product is, or is intended to be, presented for retail, excluding any additional outer wrapping (whether or not transparent) which may be discarded on opening, and where any such receptacle is or is to be contained in another such receptacle (excluding such outer wrapping), includes each such receptacle;

"nicotine" means nicotinic alkaloids;

"Superintendent" means the Superintendent of Public Health;

"tar" means the raw anhydrous nicotine-free condensate of smoke;

"warning" means a message set out in Schedules 1 and 2 to these regulations.

**3.** (1) The tar, nicotine and carbon monoxide yields must be indicated on cigarette packets. Tar, carbon monoxide and nicotine yields.

(2) The accuracy of the indications on packets shall be verified in accordance with ISO standard 8243.

(3) The statement relating to -

(a) the tar yield shall be shown as a figure rounded to the nearest whole number and expressed in milligrams in the form "x mg tarċqatran";

(b) the nicotine yield shall be shown as a figure rounded to one decimal place and expressed in milligrams in the form "y.z mg nicotine/nikotina";

(c) the carbon monoxide shall be shown as a figure rounded to the nearest whole number and expressed in milligrams in the form "x mg carbon monoxide".

(4) The following indications shall also be printed on one side of cigarette packets, in English and Maltese:-

(a) at least 12% of the corresponding surface is covered, such area to be defined by a right-angled polygon drawn closely round the periphery of the printed letters;

(b) in clearly legible print (in bold letters in the type face known as Helvetica in type that is in a colour that contrasts with that of the background);

(c) on a background of contrasting colour, within a rectangular or square border (in the same colour as the text) of which the lines are no wider than an upper-case letter "l" in the type size used for the text of the message; and

(d) the batch number.

General warning.

**4.** (a) Each unit packet of tobacco products shall carry, on the most visible surface and on any outside packaging with the exception of additional transparent wrappers, used in the retail sale of the product, the following general warning in English and Maltese:-

Tobacco seriously harms you and others around you
It-Tabakk jagħmel ħsara serja lilek u ta' madwarek

(b) This general warning shall be rotated in such a way as to guarantee the regular appearance of the warning indicated in paragraph (a) hereof.

Warning on cigarette packets.

**5.** With regard to cigarette packets, each packet shall carry, in English and Maltese, specific warnings alternating as follows:

(a) the warnings shall be selected from the list of warnings in Schedule 1 to these regulations; and

(b) the specific warnings selected shall be printed on the unit packets so as to guarantee the appearance of each warning on an equal quantity of unit packets, with a tolerance of around 5%.

Warning on unit packets of tobacco products other than cigarettes.

**6.** In addition to the general warning referred to in regulation 4, unit packets of tobacco products other than cigarettes shall carry specific warnings as follows:-

(a) if the most visible surface exceeds $75cm^2$ then the warning taken from the list in Schedule 1 to these regulations shall be spread over an area of at least $24cm^2$; and

(b) unit packets of cigars, cigarillos, pipe tobacco or other smoking tobacco products with the exception of cigarettes and rolling tobacco, shall carry a specific warning from among those in Schedule 2 to these regulations, in such a way as to ensure that they are in actual fact rotated.

The specific warnings shall be printed on, or irremovably affixed to, the unit packets in English and Maltese.

**7.** The warnings referred to in regulations 4, 5 and 6 are to be combined with the following indications of authority:- Source of warning.

Danger - Health Department WARNING
TWISSIJA mid-Dipartiment tas-Sażża - Periklu

**8.** The text of the warnings on cigarette packets provided for in regulations 4 and 5, excluding the indication of the authority provided for in regulation 7, shall cover not less than 32% of the external area of the corresponding surface of the unit packet of tobacco on which it is printed. In the case of the additional warning under Schedule 1 to these regulations, such text shall cover not less than 45% of the external area of the corresponding surface of the unit packet of tobacco on which it is printed. Area to be covered on cigarette packets.

**9.** The required warnings and yield indications shall be:- Printing style.

(a) clear and legible, irremovably printed, indelible and shall in no way be hidden, obscured or interrupted by other written or pictorial manner or destroyed when the packet is opened. In the case of tobacco products other than cigarettes, the texts may be affixed by means of stickers, provided that these are irremovable;

(b) printed in black Helvetica bold type on a white background, in lower-case type, except for the first letter of the message and where required by grammar usage; and

(c) centered in the area in which the text is required to be printed parallel to the top edge of the packet:

Provided that in the case of tobacco products, the general warning shall be sorrounded by a black border not less than 3mm and not more than 4mm in width which in no way interferes with the text of the warning or information given.

**10.** To ensure product identification and traceability, the tobacco product shall bear a batch number or equivalent thereby enabling the time and place of manufacture to be identified. Batch numbers.

**.11.** Manufacturers and importers shall at the end of each year submit to the Superintendent a list of all ingredients, in descending order of weight, used in the manufacture of those tobacco products by brand name and type. Such list shall:- List of ingredients

(a) be accompanied by a statement setting out the reasons for the inclusion of such ingredients in those tobacco products;

(b) indicate their function and category;

(c) be accompanied by toxicological data available to the manufacturer or importer regarding those ingredients in burnt or unburnt form as appropriate, referring in particular to their effects on health and taking into account any addictive effects.

Superintendent to inform public.

**12.** It shall be the duty of the Superintendent to inform the public as to the tar, nicotine and carbon monoxide yields of cigarettes.

Tobacco for oral use prohibited.

**13.** It shall be an offence to place on the market tobacco for oral use.

Qualificative labelling of tobacco products.

**14.** It shall be an offence to label any tobacco packet as "light" or "mild".

Repeals L.N. 28 of 1987.

**15.** The Health Warning (On Smoking) Regulations, 1987 are hereby repealed.

## SCHEDULE 1

List of health warnings referred to in regulations 5 and 6 (a):

1. Smoking causes cancer
   It-tipjip iħib il-kanċer

2. Smoking causes heart disease
   It-tipjip iġib il-mard tal-qalb

3. Smoking kills
   It-tipjip joqtol

4. Smoking when pregnant harms your baby
   It-tipjip waqt it-tqala jagħmel ħsara lit-tarbija

5. Protect children: don’t make them breathe your smoke
   Ipproteħi lit-tfal: tpejjipx ħdejhom

6. Smoking damages the health of those around you
   It-tipjip imarrad lil dawk ta’ madwarek

7. Smokers die younger
   Jekk tpejjep tmut żgħir

8. Smoking causes addiction
   It-tipjip jikkaġuna dipendenza qerrieda

## SCHEDULE 2

List of health warnings referred to in regulation 6 (b):

1. Smoking causes cancer
   It-tipjip iġib il-kanċer

2. Smoking causes fatal lung cancer
   It-tipjip iġib il-mard qerriedi

3. Smoking damages the health of those around you
   It-tipjip imarrad lil dawk ta' madwarek

4. Smoking causes heart disease
   It-tipjip iġib il-mard tal-qalb

5. Smoking clogs the arteries and causes heart attacks and strokes
   It-tipjip isodd l-arterji u jikkaġuna attakki tal-qalb

6. Protect children: don't make them breathe your smoke
   Ipproteġi t-tfal. Tżallihomx jibilgżu d-duħħan tas-sigaretti

7. Your doctor or your pharmacist can help you stop smoking
   It-tabib jew l-ispiżjar jgħinuk biex tieqaf tpejjep

8. Smoking is highly addictive, don't start.
   It-tipjip huwa vizzju, tibdiex tpejjep

9. Stopping smoking reduces the risk of fatal heart and lung diseases
   Jekk tieqaf tpejjep tnaqqas ir-riskju ta' attakki tal-qalb u mard tal-pulmun

10. Smoking can cause a slow and painful death
    It-tipjip jista' jwassal għal mewt bil-mod

11. Get help to stop smoking
    Itlob l-għajnuna biex tieqaf tpejjep

12. Smoking may reduce the blood and causes impotence
    It-tipjip inaqqas iċ-ċirkulazzjoni tad-demm u jista' jwassal ghal infertilit·

13. Smoking causes ageing of the skin
    It-tipjip ixejjħek

14. Smoking can damage the sperm and decreases fertility
    It-tipjip jagħmel ħsara lill-isperma u jikkaħuna infertilit·

15. Smoking contains benzene, nitrosamines, formaldehyde and hydrogen cyanide
    Is-sigarretti fihom benzene, formaldehyde u hydrogen cyanide

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 14ċ – *Price 14c*